

Brussell, 17 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6929/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0120 (NLE)

ENFOPOL 76
CRIMORG 52
CT 30
IXIM 61
COLAC 32
CORDROGUE 29
RELEX 307
JAIEX 20
JAI 275

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ekwador, min-naħa l-oħra, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu - adozzjoni

1. Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Ekwador għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu¹.
2. Fl-24 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni aġġornat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (Pulizija) dwar l-istatus tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador. Id-diskussjoni ffukat fuq it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tan-negozjati biex jinkludi l-iskambju ta' data mhux personali².

¹ 8516/23 + ADD1.

² 14305/23.

3. Abbażi ta' din id-deċiżjoni u d-diskussjoni tal-24 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni kellha negozjati mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ekwador bejn Ġunju 2023 u Frar 2025.
4. In-negozjati dwar il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu ("il-Ftehim") ġew iffinalizzati b'suċċess u t-test tal-Ftehim ġie inizjalat fit-3 ta' Marzu 2025.
5. Fit-22 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
 - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu³ ("Deċiżjoni dwar l-iffirmar"); u
 - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ekwador dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu⁴ ("Deċiżjoni dwar il-konklużjoni").

³ 9295/25 ADD 1.

⁴ 9297/25 ADD 1.

6. Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (Pulizija) iddiskuta dawn il-proposti u t-test tal-Ftehim li kien meħmuż magħhom bħala anness (ADD 1). Ma tqajmet l-ebda kwistjoni matul il-laqgħa dwar it-test tal-Ftehim. Wara l-laqgħa, l-Istati Membri pproponew xi bidliet. Wara perjodu ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz rivedut tad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-abbozz rivedut tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, l-Istati Membri ma qajmu l-ebda kwistjoni addizzjonali dwar is-sustanza. Sussegwentement għal dan il-qbil fil-livell tekniku, il-ġuristi lingwisti rrevedew it-testi⁵.
7. Fit-18 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar⁶ u, sussegwentement, il-Ftehim ġie ffirmat fit-23 ta' Settembru 2025.
8. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
9. F'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni.
10. Fis-26 ta' Settembru 2025, il-Kunsill baġhat talba għall-approvazzjoni lill-Parlament Ewropew, u fil-11 ta' Marzu 2026 il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

⁵ It-testi riveduti tad-Deċiżjonijiet u l-Ftehim jinsabu fid-dokument 10960/25 (id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar), id-dokument 10965/25 (id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni), u d-dokument 10969/25 (il-Ftehim). L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794 u għalhekk qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet u mhijiex marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.

⁶ 10960/25.

11. Fid-dawl ta' dan kollu, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta, bħala punt "A", l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument 10965/25, li miegħu huwa meħmuż il-Ftehim kif jinsab fid-dokument 10969/25;
- jaqbel li t-test tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, flimkien mat-test tal-Ftehim, jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
